DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2009

li tadotta deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/657/KE, 2001/852/KE, 2003/508/KE, 2004/382/KE u 2005/416/KE

(2009/966/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-kimiċi perikoluż[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [2],

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi f'isem il-Komunità jekk għandhiex tippermetti jew le l-importazzjoni fil-Komunità ta' kull sustanza kimika soġġetta għall-proċedura ta' Kunsens Infurmat bil-Quddiem (Prior Informed Consent, PIC).

(2) Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (United Nations Environment Programme, UNEP) u l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Alimentazzjoni u l-Agrikoltura (Food and Agriculture Organization, FAO) inħatru biex jipprovdu servizzi ta' segretarjat għat-tħaddim tal-proċedura tal-PIC stabbilita bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura tal-PIC għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikoluż fil-kummerċ internazzjonali, approvata mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluż fil-kummerċ internazzjonali [3].

(3) Il-Kummissjoni, li taġġixxi bħala awtorità maħtura komuni, jeħtieġ li tibgħat deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura tal-PIC lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta ' Rotterdam, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

(4) Jeħtieġ li jiġu riveduti deċiżjonijiet preċedenti dwar l-importazzjoni marbuta mas-sustanzi kimiċi ethylene oxide, fluoroacetamide, HCH (iżomeri mħallta), lindane, methamidophos, pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu, polybrominated biphenyls (PBBs), polichlorinated terphinyls (PCTs), formulazzjonijiet f'forma ta' trab li fihom taħlita ta' benomyl, carbofuran u tyram u komposti tal-merkurju sabiex jirriflettu t-tkabbir tal-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007 kif ukoll sabiex iqisu l-iżviluppi regolatorji fil-Komunità minn meta ġew adottati dawk id-deċiżjonijiet.

(5) It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ethylene oxide taħt id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [4] huma ristretti għal ċerti oqsma speċifiċi skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE. Konsegwentement, l-importazzjonijiet huma permessi biss għal dawn l-użi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema minn dawk l-użi permessi taħt id-Direttiva 98/8/KE [5] jawtorizzaw fit-territorju tagħhom.

(6) Il-fluoroacetamide u l-pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu mhumiex inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [6] jew fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE, bil-konsegwenza li dawk is-sustanzi attivi huma pprojbiti għall-użu bħala pestiċidi. Konsegwentement, l-importazzjoni tal-fluoroacetamide u l-pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu għall-użu bħala pestiċidi hija pprojbita.

(7) Mill-1 ta' Lulju 2008, il-methamidophos ma għadux inkluż fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bil-konsegwenza li l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-methamidophos kellhom jiġu rtirati mill-Istati Membri u li kwalunkwe tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-methamidophos huwa pprojbit. Barra minn hekk, il-methamidophos ma ġiex identifikat jew innotifikat taħt il-programm ta' reviżjoni Komunitarju għall-evalwazzjoni ta' sustanzi eżistenti taħt id-Direttiva 98/8/KE u għalhekk mhux permess li jitqiegħed fis-suq għall-użu bħala prodott bijoċidali.

[1] ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23.
[4] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[5] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.
[6] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

(8) Il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-lindane u l-HCH (iżomeri mħallta) ġew ipprojbiti bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE [1] u d-deroga permessa taħt dak ir-Regolament skadiet fil-31 ta' Diċembru 2007. Konsegwentement, kwalunkwe importazzjoni ta' dawk is-sustanzi kimiċi hija pprojbita minn dik id-data.

(9) Kwalunkwe produzzjoni, tqegħid fis-suq u użu tal-hexabromo-1,1'-biphenyl huma pprojbiti. Barra minn hekk, dik is-sustanza kimika tagħmel parti mill-grupp tal-PBBs, li huwa inkluż fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam u soġġett għall-proċedura tal-PIC.

(10) Il-Bulgarija u r-Rumanija ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Minħabba li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw użi speċifiċi tal-PCTs fit-territorju tagħhom, id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni għandha tiġi rriveduta sabiex tirrifletti l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dawk iż-żewġ Stati Membri ġodda.

(11) Huwa għalhekk xieraq li d-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni għall-ossidu tal-etilene, il-fluworoaċetamid, l-HCH (iżomeri mħallta), il-lindane, il-methamidophos, il-pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu, il-PBBs u l-PCTs stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/657/KE tas-16 ta' Ottubru 2000 li tadotta deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni għal ċerti kimiċi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2455/92 li jikkonċerna l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' ċerti kimiċi perikoluži [2] [titlu mhux uffiċjali], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/852/KE tad-19 ta' Novembru 2001 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2455/92 li jikkonċerna l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' ċerti kimiċi perikoluži u li jemenda d-Deċiżjoni 2000/657/KE [3], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/508/KE tas-7 ta' Lulju 2003 li tadotta d-deċiżjonijiet ta' importazzjoni tal-Komunità għal ċertu kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u jemenda d-Deċiżjonijiet 2000/657/KE u 2001/852/KE [4] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/416/KE tad-19 ta' Mejju 2005 li taddotta d-deċiżjonijiet tal-Komunità dwar l-importazzjoni tal-kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/657/KE, 2001/852/KE u 2003/508/KE [5].

(12) Il-benomyl mhux inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE jew fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE, bil-konsegwenza li dik is-sustanza attiva hija pprojbita għall-użu bħala pestiċida. Konsegwentement, formulazzjonijiet ta' pestiċidi f'forma ta' trab li fihom il-benomyl, il-carbofuran u t-thiram huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq jew għall-użu bħala pestiċida. Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni għall-formulazzjonijiet tal-pestiċidi f'forma ta' trab li fihom taħlita ta' benomyl, carbofuran u thiram stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/382/KE tas-26 ta' April 2004 li tadotta d-deċiżjonijiet tal-importazzjonijiet Komunitarji għal ċerti kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] għandha għalhekk tinbidel.

(13) It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-komposti tal-merkurju bħala sustanza attiva huma pprojbiti skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi [7]. Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali li jkun fihom il-komposti tal-merkurju skont id-Direttiva 98/8/KE mhumiex permessi. Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-komposti tal-merkurju ppubblikata fir-Ċirkolari X tal-PIC għandha għalhekk tinbidel.

(14) Id-Deċiżjonijiet 2000/657/KE, 2001/852/KE, 2003/508/KE 2004/382/KE u 2005/416/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni tal-lindane, il-methamidophos u l-pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu kif stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2000/657/KE għandhom jinbidlu bid-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni stabbiliti fil-formoli għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-ethylene oxide kif stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2001/852/KE għandha tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni stabbilita fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-bifenili tal-polibrominat (PBBs) kif stabbilta fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2003/508/KE għandha tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni stabbilita fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Id-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni tal-fluoroacetamide, HCH (iżomeri mħallta) u polychlorinated terphenyls (PCTs) kif stabbiliti fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2005/416/KE għandhom jinbidlu bid-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni stabbiliti fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness IV għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Id-deċiżjoni interim dwar l-importazzjoni tal-formulazzjonijiet f'forma ta' trab li fihom taħlita ta' benomyl, carbofuran u thiram kif stabbilta fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2004/382/KE għandha tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni stabbilita fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness V din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.
[2] ĠU L 275, 27.10.2000, p. 44.
[3] ĠU L 318, 4.12.2001, p. 28.
[4] ĠU L 174, 12.7.2003, p. 10.
[5] ĠU L 147, 10.6.2005, p. 1.
[6] ĠU L 144, 30.4.2004, p. 11.
[7] ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36.

Artikolu 6

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-komposti tal-merkurju fir-Ċirkolari X tal-PIC għandha tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni stabbilita fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness VI għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Deċizjonijiet riveduti dwar l-importazzjoni tal-lindane, il-methamidophos u l-pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu li jibdlu d-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni stabbiliti fid-Deċiżjoni 2000/657/KE

"FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI

Pajjiż: Il-Komunità Ewropea
(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit)

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 **Isem komuni** Lindane

1.2 **Numru CAS** 58-89-9

1.3 **Kategorija** ☒ Pestiċida

☐ Industrijali

☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR IT-TWEĠIBA PREĊEDENTI, JEKK KIEN HEMM

2.1 ☐ Din hija l-ewwel tweġiba dwar l-importazzjoni għal din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: 12.6.2005

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI FUTURA

☒ Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW ☐ Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT MIŻURI NAZZJONALI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI

4.1 ☒ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

4.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

4.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

Il-produzzjoni, l-użu u t-tqegħid fis-suq tal-lindane (gamma-HCH) huma pprojbiti. Din is-sustanza kimika kemm jekk waħedha, fi preparazzjonijiet jew bħala kostitwent ta' oġġetti, kienet ipprojbita bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1 ☐ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

5.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Hemm deċiżjoni finali taħt kunsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le

5.5 Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mis-Segretarjat:

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab din l-għajnuna mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 TAGĦRIF RILEVANTI ADDIZZJONALI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika attwalment hija rreġistrata fil-pajjiż?	☐ Iva	☐ Le
Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż?	☐ Iva	☐ Le

Jekk iva għal kwalunkwe minn dawn il-mistoqsijiet:

Din hija maħsuba għall-użu domestiku?	☐ Iva	☐ Le
Din hija maħsuba għall-esportazzjoni?	☐ Iva	☐ Le

Rimarki oħra

Il-lindane huwa kklassifikat taħt id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1) bħala: T; R25 (Tossiku; Tossiku jekk jinbela') – Xn; R20/21, R48/22 u R64 (Jagħmel il-ħsara; Jagħmel il-ħsara jekk jiġi inalat u f'kuntatt mal-ġilda, Periklu li jagħmel ħsara ta' natura serja għas-saħħa minn esponiment fit-tul jekk jinbela', Jista' jagħmel il-ħsara lil trabi li jkunu qegħdin jitreddgħu) – N; R50/53 (Perikoluż għall-ambjent; Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, jista' jikkawża effetti avversi fit-tul fl-ambjent akkwatiku).

TAQSIMA 7 L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent
L-indirizz	BU 9 6/167, 1049 Brussels, Belgium
Isem il-persuna inkarigata	Is-Sur Paul Speight
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Deputat Kap tal-Unità
Telefown	32 2 296 41 35
Telefeks	32 2 296 76 16
Indirizz elettroniku	Paul.Speight@ec.europa.eu

Data, firma tad-DNA u siġill uffiċjali: .....

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Feks: (+39 06) 5705 6347
Indirizz elettroniku: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH – 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Feks: (+41 22) 917 8082
Indirizz elettroniku: pic@pic.int"

"**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

Pajjiż: Il-Komunità Ewropea
(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit)

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 **Isem komuni** Methamidophos

1.2 **Numru CAS** 10265-92-6

1.3 **Kategorija**
☐ Pestiċida
☐ Industrijali
☒ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR IT-TWEĠIBA PREĊEDENTI, JEKK KIEN HEMM

2.1 ☐ Din hija l-ewwel tweġiba dwar l-importazzjoni għal din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.
Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: 12.6.2005

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI FUTURA

☒ Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW ☐ Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT MIŻURI NAZZJONALI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI

4.1 ☒ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

4.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

4.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

L-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-methamidophos huma pprojbiti. Il-methamidophos mhuwiex inkluż fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1) u għalhekk awtorizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva kellhom jiġu rtirati sat-30 ta' Ġunju 2008.

Barra minn hekk, l-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali li fihom il-methamidophos huma pprojbiti. Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1) mhuwiex permess li din is-sustanza kimika titqiegħed fis-suq għall-użu bħala prodott bijoċidali.

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1 ☐ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

5.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Hemm deċiżjoni finali taħt kunsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le

5.5 Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mis-Segretarjat:

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab din l-għajnuna mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 TAGĦRIF RILEVANTI ADDIZZJONALI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika attwalment hija rreġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Jekk iva għal kwalunkwe minn dawn il-mistoqsijiet:

Din hija maħsuba għall-użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le

Din hija maħsuba għall-esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Rimarki oħra

Il-methamidophos huwa kklassifikat taħt id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1) bħala: T; R24 (Tossiku; Tossiku jekk jiġi f'kuntatt mal-ġilda) – T+; R26/28 (Tossiku ħafna; Tossiku ħafna bl-inalazzjoni jew jekk jinbela') – N; R50 (Perikoluż għall-ambjent; Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi).

TAQSIMA 7 L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent
L-indirizz	BU 9 6/167, 1049 Brussels, Belgium
Isem il-persuna inkarigata	Is-Sur Paul Speight
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Deputat Kap tal-Unità
Telefown	32 2 296 41 35
Telefeks	32 2 296 76 16
Indirizz elettroniku	Paul.Speight@ec.europa.eu

Data, firma tad-DNA u siġill uffiċjali: .....

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Feks: (+39 06) 5705 6347
Indirizz elettroniku: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH – 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Feks: (+41 22) 917 8082
Indirizz elettroniku: pic@pic.int"

"**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

Pajjiż: Il-Komunità Ewropea
(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit)

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 **Isem komuni** Pentachlorophenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu

1.2 **Numru CAS** 87-86-5

1.3 **Kategorija** ☒ Pestiċida

☐ Industrijali

☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR IT-TWEĠIBA PREĊEDENTI, JEKK KIEN HEMM

2.1 ☐ Din hija l-ewwel tweġiba dwar l-importazzjoni għal din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: 12.6.2005

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI FUTURA

☒ Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW ☐ Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT MIŻURI NAZZJONALI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI

4.1 ☒ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

4.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

4.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

L-użu u t-tqegħid fis-suq tal-pentachlorophenol huma pprojbiti. Din is-sustanza kimika kienet eskluża mill-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għaldaqstant l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kellhom jiġu rtirati sal-25 ta' Lulju 2003 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 tal-20 ta' Novembru 2002 (ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3) bl-estensjoni tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tittratta dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I għal dik id-Direttiva u dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet marbuta mal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li kien fihom dawn is-sustanzi). L-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti kollha bijoċidali li fihom il-pentachlorophenol huma pprojbiti. Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali, mhuwiex permess li din is-sustanza kimika titqiegħed fis-suq għall-użu bħala prodott bijoċidali u għalhekk kellha tiġi rtirata mis-suq mill-1 ta' Settembru 2006.

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1 ☐ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

5.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Hemm deċiżjoni finali taħt kunsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le

5.5 Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mis-Segretarjat:

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab din l-għajnuna mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 TAGĦRIF RILEVANTI ADDIZZJONALI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika attwalment hija rreġistrata fil-pajjiż?	☐ Iva	☐ Le
Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż?	☐ Iva	☐ Le

Jekk iva għal kwalunkwe minn dawn il-mistoqsijiet:

Din hija maħsuba għall-użu domestiku?	☐ Iva	☐ Le
Din hija maħsuba għall-esportazzjoni?	☐ Iva	☐ Le

Rimarki oħra

Il-pentachlorophenol huwa kklassifikat taħt id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1) bħala: T; R24/25 (Tossiku; Tossiku ħafna jekk jiġi f'kuntatt mal-ġilda jew jekk jinbela') – T+; R26 (Tossiku ħafna, Tossiku ħafna bl-inalazzjoni) – Karċ. Kat.3; R 40 (Kategorija karċinoġenika 3; Evidenza limitata dwar effett karċinoġeniku) – Xi; R36/37/38 (Irritanti, Irritanti għall-għajnejn, is-sistema respiratorja u l-ġilda) – N; R50/53 (Perikoluż għall-ambjent; Tossiku Ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, jista' jikkawża effetti avversi fit-tul fl-ambjent akkwatiku).

TAQSIMA 7 L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent
L-indirizz	BU 9 6/167, 1049 Brussels, Belgium
Isem il-persuna inkarigata	Is-Sur Paul Speight
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Deputat Kap tal-Unità
Telefown	32 2 296 41 35
Telefeks	32 2 296 76 16
Indirizz elettroniku	Paul.Speight@ec.europa.eu

Data, firma tad-DNA u siġill uffiċjali: .....

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Feks: (+39 06) 5705 6347
Indirizz elettroniku: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH – 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Feks: (+41 22) 917 8082
Indirizz elettroniku: pic@pic.int"

ANNESS II

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni riveduta għall-ethylene oxide li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2001/852/KE

"FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI

Pajjiż:	Il-Komunità Ewropea (L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit)

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1	**Isem komuni**	Ethylene oxide
1.2	**Numru CAS**	75-21-8
1.3	**Kategorija**	☒ Pestiċida
		☐ Industrijali
		☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR IT-TWEĠIBA PREĊEDENTI, JEKK KIEN HEMM

2.1 ☐ Din hija l-ewwel tweġiba dwar l-importazzjoni għal din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☒ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: 12.6.2005

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI FUTURA

☐ Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW ☒ Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT MIŻURI NAZZJONALI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI

4.1 ☐ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

4.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

4.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1 ☐ Ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

5.3 ☒ Il-kunsens għall-importazzjoni biss soġġett għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti
Huwa pprojbit l-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-ethylene oxide bħala ingredjent attiv skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ċerti sustanzi attivi (ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill (ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).

Għall-prodotti bijoċidali
Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali, din is-sustanza hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament li jippermetti biss it-tqegħid fis-suq għal użi fil-PT2 (diżinfettanti għal żoni privati u żoni tas-saħħa pubblika) u l-PT20 (preżervattivi għall-ikel u l-għalf).

L-Istati Membri li jaqblu li jimpurtaw: Il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Iżvezja.

L-Istati Membri li jaqblu li jimpurtaw (għall-importazzjoni hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-miktub bil-quddiem): L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Olanda (għall-PT2 biss, diżinfettanti għal żoni privati u żoni tas-saħħa pubblika), il-Polonja, il-Portugall.

L-Isati Membri li jaqblu li jimpurtaw għall-isterilizzazzjoni tal-għodod tal-kirurġija biss skont id-Direttiva 93/42/KE (għall-importazzjoni hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-miktub bil-quddiem): Ċipru, Il-Greċja, is-Slovakkja, Spanja, ir-Rumanija.

L-Istati Membri li ma jaqblux li jimpurtaw: Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, is-Slovenja, ir-Renju Unit.

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☒ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☒ Iva ☐ Le

5.4 Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Hemm deċiżjoni finali taħt kunsiderazzjoni attiva? ☒ Iva ☐ Le

5.5 Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mis-Segretarjat:

Qed jintalab dan it-tagħrif addizzjonali mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

Qed tintalab din l-għajnuna mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 TAGĦRIF RILEVANTI ADDIZZJONALI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika attwalment hija rreġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Jekk iva għal kwalunkwe minn dawn il-mistoqsijiet:

Din hija maħsuba għall-użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le

Din hija maħsuba għall-esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Rimarki oħra

L-ethylene oxide huwa kklassifikat taħt id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluży (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1) bħala: F+; R12 (Jaqbad ħafna) – T; R23 (Tossiku; Tossiku jekk jiġi inalat) – Karċ. Kat. 2; R 45 (Kategorija karċinoġenika 2; Jista' jikkawża l-kanser) – Mut. Kat. 2; R 46 (Kategorija mutaġenika 2; Jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret) – Xi; R36/37/38 (Irritanti għall-għajnejn, is-sistema respiratorja u l-ġilda).

TAQSIMA 7 L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent
L-indirizz	BU 9 6/167, 1049 Brussels, Belgium
Isem il-persuna inkarigata	Is-Sur Paul Speight
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Deputat Kap tal-Unità
Telefown	32 2 296 41 35
Telefeks	32 2 296 76 16
Indirizz elettroniku	Paul.Speight@ec.europa.eu

Data, firma tad-DNA u siġill uffiċjali: .....

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome, Italy
Tel: (+39 06) 5705 3441
Feks: (+39 06) 5705 6347
Indirizz elettroniku: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH – 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland
Tel: (+41 22) 917 8177
Feks: (+41 22) 917 8082
Indirizz elettroniku: pic@pic.int"

ANNESS III

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni riveduta għall-polybrominated biphenyls (PBBs) li tissostitwixxi d-deċiżjoni dwar l-importazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2003/508/KE

"FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI

Pajjiż:	Il-Komunità Ewropea (L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit)

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1	**Isem komuni**	Polybrominated biphenyls (PBBs)
1.2	**Numru CAS**	36355-01-8 27858-07-7 13654-09-6
1.3	**Kategorija**	☐ Pestiċida ☒ Industrijali ☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

